MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 18/2010

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Novembru 2001; li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk qed titlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat null fil-ligi; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-imsemmija data huwa null fil-ligi fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Algerian ta' 34 sena, u l-konvenut, cittadin Malta ta'43 sena, izzewgu fis-27 ta' Novembru 2001, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa tlett xhur.

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma kinitx wahda normali, fis-sens li l-att taz-zwieg qatt ma kien isir, u dan minhabba l-orientament omosesswali da parti tal-konvenut, li l-attrici skopriet wara z-zwieg. Konsegwentement, wara konvivenza ta' sitt xhur il-partijiet isseparaw de facto, ghalkemm xorta baqghu f' kuntatt ma' xulxin.

L-attrici tghid li *"illum naf li D jilbes ta' mara, u johrog hekk regolarment, dan nafu ghax rajtu personalment."*

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

Illi f' dan il-kaz il-qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d], stante li rrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali il-konvenut kien, u sussegwentement baqa', inkapaci li jassumi l-obbligi tal-hajja konjugali, tant li l-att taz-zwieg qatt ma sar bejn il-partijiet.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara z-zwieg bejn il-partijiet kuntrattat fis-27 ta’ Novembru 2001 null fil-ligi.

Spejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------